## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. CHARLES GOUDER (KI. 413372M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25/10/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI int** akkuzat talli fit-2/9/2021 ghall habta ta 09.00Hrs fi Triq Is-Salib tal-Marsa, Marsa,

(1). Soqt vettura Nru.BAP838 minghajr ma kienet koperta b`polza ta`assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 167 P. Camilleri u PC 799 A. Sultana permezz ta' *affidavit* u ta' Stephen Cachia (għal Transport Malta).

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mix-xhieda ta' **PC 167 P. Camilleri** u **PC 799 A. Sultana** illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Ford Fiesta bin-numru ta' reġistrazzjoni BAP838. Mix-xhieda ta' **Stephen Cachia** jirriżulta ukoll illi l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq l-imputat fid-data in kwistjoni u li l-liċenzja tagħha kienet skadiet fit-28 ta' Frar 2021.

*Kunsiderazzjonijiet*

2. Fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, dik dwar is-sewqan mingħajr polza tal-assigurazzjoni li tkopri r-riskji tat-terzi oltre che li issa ormai hija ġurisprudenza assodata tal-Qorti tal-Appell Kriminali illi s-sewwieq li jkun akkużat bir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 irid jipprova illi huwa kien **personalment** kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minnu, jirriżulta mill-atti illi l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dan ir-rigward tant illi lanqas biss esebixxa l-polza tal-assigurazzjoni. Għalhekk il-Qorti trid tapplika l-preżunzjoni *iuris tantum* ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

> **'3. (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).'**

3. Għalhekk din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 issibu ħati tal-imputazzjoni u tikkundannah għal piena karċerarja ta' tlett (3) xhur liema piena però qed tkun sospiża għal żmien sena. L-imputat ġie mgħarraf fi kliem sempliċi l-konsegwenzi jekk huwa iwettaq reat ieħor fiż-żmien operattiv ta' din is-sentenza sospiża. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar.**

**V.G. Axiak** — **Maġistrat**

**Y.M. Pace** — **Dep. Reġistratur**